**92. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali, l-Onor Louis Grech MP, jipproponi:**

Wara li l-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ra l- Estimi tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għas-sena 2014;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mis-Sur Anthony C. Mifsud personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa tal-istess Kumitat li saret fil-11 ta' Diċembru, 2013;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Peress li l-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika b'mod unanimu rrikkmanda li 1-estimi għandhom jiġu approvati kif imressqa;

Il-Kamra tad-Deputati għalhekk: tapprova dawn 1-estimi kif imressqa u kif approvati mill-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

18.12.13